



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0260/2014**

2.4.2014

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Gruppo Santana minn Spanja) (COM(2014)0116 – C7-0101/2014 – 2014/2027(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Frédéric Daerden

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA .....	9
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI .....	12
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	15

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Gruppo Santana minn Spanja)  
(COM(2014)0116 – C7-0101/2014 – 2014/2027(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0116 – C7-0101/2014),
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>1</sup> (ir-Regolament tal-FEG),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup> (FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0260/2014),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu meġġjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol,
- B. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi

<sup>1</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

mobilizzat il-FEG,

- C. billi Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Grupo Santana<sup>1</sup> għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għat-330 sensja fl-intrapriża Grupo Santana u 15-il fornitur u produttur aktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni, b'285 ħaddiem fil-mira għal miżuri kofinanzjati mill-FEG, matul il-perjodu ta' referenza mill-15 ta' Novembru 2011 sal-15 ta' Marzu 2012,
- D. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament tal-FEG,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
  2. Jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni li t-330 sensja fi ħdan il-perjodu ta' referenza u s-689 sensja addizzjonali huma relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi u li s-sensji flimkien mas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fraġli ħafna tar-reġjun jissodisfaw il-kundizzjoni ta' eċċezzjonalità tal-każ f'konformità mal-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-FEG;
  3. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fis-16 ta' Mejju 2012 u jiddispjaċih li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biss fil-5 ta' Marzu 2014; jiddeplora l-perjodu twil tal-evalwazzjoni ta' 22 xahar u jemmen li dan id-dewmien jikkontradixxi l-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li jipprovdi għajnuna malajr lil ħaddiema li ngħataw is-sensja;
  4. Iqis li s-sensji fil-Grupo Santana u 15-il fornitur u produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni huma marbuta ma' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, li jirreferu għal tnaqqis tas-sehem tal-UE fil-produzzjoni dinjija tal-vetturi bil-mutur u t-tkabbir mgħaġġel fis-swieq Asjatiċi fejn il-produtturi tal-UE huma inqas kapaċi li jibbenefikaw minnhom;
  5. Jinnota li t-330 sensja kkonċernati flimkien mas-689 sensja minħabba l-istess kawża qabel u wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-impjiegi u l-ekonomija fil-livell lokali u fil-livell tan-NUTS III, u jiggravaw is-sitwazzjoni ekonomika diġà fraġli tat-territorju affettwat;
  6. Jinnota li għal darb' oħra din hija applikazzjoni tal-FEG li tindirizza s-sensji fis-settur tal-karozzi u li bi 17-il applikazzjoni dan is-settur kien suġġett għall-aktar applikazzjonijiet numerużi tal-FEG imressqa kemm fir-rigward tal-kriżi kif ukoll tal-kriterji tal-globalizzazzjoni; jirimarka li dan il-każ ieħor li jikkonċerna l-industrija tal-karozzi juri l-ħtieġa għal strateġija industrijali tal-Unjoni u juri kif il-FEG jgħin lill-ħaddiema fil-proċess ta' ristrutturar;

---

<sup>1</sup> Santana Motor S.A.U.; Santana Motor Andalucía S.L.U. u Santana Militar S.L.U.

7. Jilqa' l-fatt li r-reġjun tal-Andalucia, fejn ir-rata tal-qgħad hija ħafna ogħla mill-medja nazzjonali u tal-Unjoni, għal darb'oħra qed jagħmel użu mill-FEG; jindika l-fatt li l-FEG diġà appoġġa ħaddiema ta' Delphi li tinsab fl-Andalucia (EGF/2008/002 ES/Delphi);
8. Jilqa' l-fatt li, sabiex jagħtu assistenza rapida lill-ħaddiema, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tas-servizzi personalizzati lill-ħaddiema milquta fl-1 ta' Awwissu 2011, għaxar xhur qabel ma tressqet l-applikazzjoni tal-FEG u ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
9. Jinnota li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu kofinanzjati jinkludi miżuri għar-riintegrazzjoni fl-impjeg ta' 285 ħaddiem li ngħataw is-sensja, bħat-taħriġ vokazzjonali fuq il-lant tax-xogħol, il-konsulenza għal proġetti kummerċjali, l-għajnuna attiva għat-tiftix ta' impjeg u t-qabbil tal-offerta mad-domanda għall-impjeg;
10. Jilqa' l-fatt li t-taħriġ offrut huwa ta' tul ta' żmien konsiderevoli u li se jkun kkumplimentat b'attivitajiet fuq ix-xogħol; jilqa' l-fatt li t-taħriġ se jkun imqabbel mal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-intrapriżi li qed jistabbilixxu fil-park ta' negozju, li jagħmel parti mill-miżuri pprovduti b'żieda mal-pakkett iffinanzjat tal-FEG;
11. F'dan il-kuntest, jilqa' l-fatt li l-belt ta' Linares, affettwata ferm sew mill-għeluq ta' Santana (u tal-fornituri tagħha) li kien l-impjegatur ewlieni tal-muniċipalità, ħadet approċċ globali u komprensiv rifless fl-istrateġija tar-rijabilitazzjoni tal-park tan-negozju Grupo Santana biex jattira investituri ġodda; huwa tal-fehma li l-fatt li l-belt ta' Linares iddeċidiet li ttejjeb l-ambjent għan-negozji se jsaħħaħ l-effett tal-miżuri tal-FEG immirati lejn il-ħaddiema;
12. Jilqa' l-fatt li l-belt ta' Linares ikkonsultat il-pakkett mas-sħab soċjali (trade unions MCA-UGT Andalucía u Federación de la industria de CCOO-Andalucía) u li s-sħab soċjali qed jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri, u li politika tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni se jiġi applikat matul l-istadji differenti tal-implimentazzjoni tal-FEG u fl-aċċess għall-FEG;
13. Ifakkar fl-importanza li l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kollha titjeb permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali tal-ħaddiem; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali effettiv;
14. Jindika l-fatt li l-FEG se jipprovdi allowances ta' "salarju tat-taħriġ" li jammonta għal 150% tas-salarju minimu Spanjol; jilqa' madankollu l-konferma tal-Kummissjoni li dawk l-allowances ma jissostitwixxux il-benefiċċji tal-qgħad u se jkunu pprovduti flimkien mal-benefiċċji tal-qgħad imħallsa taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali; jenfasizza f'dan il-kuntest il-fatt li r-Regolament il-ġdid tal-FEG għall-2014-2020 se jillimita l-

inklużjoni tal-allowances finanzjarji fil-pakkett għal mhux aktar minn 35 % ta' kemm jiswew il-miżuri u li, bl-istess mod, ir-rata tal-allowances fi ħdan il-pakkett koordinat għal din id-domanda mhux se tiġi ripetuta taħt dan ir-regolament il-ġdid;

15. Jilqa' l-inizjattiva tal-awtoritajiet reġjonali Spanjoli u lokali ta' Linares biex jinvestu fil-faċilitajiet industrijali u l-promozzjoni ta' qasam industrijali rinnovat sabiex jattiraw kumpaniji ġodda u jidiversifikaw l-istruttura industrijali tiegħu aktar milli jiffukaw fuq is-settur awtomobilistiku; jenfasizza li dawn l-isforzi ma tressqux għall-kofinanzjament tal-FEG u huma ffinanzjati mill-baġits reġjonali u lokali taħt restrizzjonijiet stretti wara t-telf tal-introjtu mit-taxxa minħabba l-għeluq tal-impjant;
16. Jinnota li l-informazzjoni provduta dwar il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; jenfasizza li l-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva dwar dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex tiżgura r-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma tkun tista' sseħħ l-ebda duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;
17. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-FEG, għandu jiġi żgurat li l-FEG jappoġġja r-riintegrazzjoni f'impjieg stabbli tal-ħaddiema individwali li jkunu nġhataw is-sensja; jenfasizza, barra minn hekk, li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss il-miżuri attivi fis-suq tax-xogħol li jwasslu għal impjieg dewwiemi u fit-tul; itenni li l-assistenza mill-FEG ma għandha tissostitwixxi la l-azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas il-miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
18. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rigward ir-Regolament il-ġdid tal-FEG, għall-perjodu 2014-2020, li jintroduċi mill-ġdid il-kriterju tal-mobilizzazzjoni b'rabta mal-kriżi, iżid il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal 60 % tal-ispejjeż stmati totali tal-miżuri proposti, iżid l-effiċjenza għat-trattament ta' applikazzjoni tal-FEG fil-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni, jiżdiedu l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli billi jiġu inklużi persuni li jaħdmu għal rashom u żgħażaġh, u jiffinanzja inċentivi għat-twaqqif ta' negozji proprji;
19. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## **ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Gruppo Santana minn Spanja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23, it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni u biex jiġu meġhuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

---

<sup>1</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>3</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>4</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- (2) Il-FEG m'għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Spanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża Grupo Santana u 15-il fornitur u produttur aktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni, fis-16 ta' Mejju 2012 u ssupplimentatha b'taġġir addizzjonali sat-28 ta' Novembru 2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti sabiex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat l-ammont ta' EUR 1 964 407.
- (4) Minkejja l-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ġie revokat, dan għandu jkompli japplika għall-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013 bis-saħħa tal-Artikolu 23, it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi somma ta' EUR 1 964 407 f'approprijazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President



## NOTA SPJEGATTIVA

### I. Kuntest ġenerali

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>1</sup> u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>2</sup>, il-Fond ma jistax jaqbeż ammont annwali ta' massimu EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011). L-ammonti adattati jiddaħħlu bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup>, sabiex jiġi attivat il-Fond, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, lill-awtorità baġitarja, proposta għal mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għal trasferiment. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, għandu jinbeda trilogu.

### II. L-applikazzjoni tal-Gruppo Santana u l-proposta tal-Kummissjoni

Fl-4 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur Spanja sabiex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li nġhataw is-sensja mill-intrapriża Gruppo Santana u l-15-il fornitur u produttur aktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni minħabba tibdil strutturali kbir fl-andament kummerċjali dinji kawża tal-globalizzazzjoni.

Din hija l-ewwel applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-baġit tal-2014 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 1 964 407 mill-FEG għal Spanja. Tirrigwarda 330 każ ta' ħaddiema li nġhataw is-sensja fi tliet intrapriżi li jikkonsistu fl-intrapriża Gruppo Santana u 15-il fornitur f'Linaires, belt żgħira fir-reġjun NUTS III ta' Jaen (ES 616) b'285 ħaddiem fil-mira għall-miżuri kofinanzjati mill-FEG matul il-perjodu ta' referenza mill-15 ta' Novembru 2011 u l-15 ta' Marzu 2012. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2012, u ġiet issupplimentata b'taġħrif addizzjonali sat-28 ta' Novembru 2013. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stipulat fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li t-tkabbir fil-manifattura tal-karozzi fl-UE għadu ferm lura minn dak tal-kompetituri ewlenin tagħha, biex b'hekk qed iwassal għal telf fis-sehem tas-suq

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

tal-UE fis-settur. Globalment, il-produzzjoni tal-karozzi żdiedet bi 22,4 % fl-2010, wara tnaqqis ta' 9,6 % fl-2009<sup>1</sup>. Iċ-Ċina, bi 13.9 miljun unità prodotta, rat il-prestazzjoni tagħha tikber b'erba' darbiet aktar mit-tkabbir fil-produzzjoni tal-Ewropa, espansjoni ta' 33,8 % meta mqabbla mat-tkabbir ta' 8,3 % tal-Ewropa fl-2010. Jirreferu wkoll għall-istatistika tal-produzzjoni tal-vetturi bil-mutur<sup>2</sup> biex juru t-tnaqqis tas-sehem fis-suq tal-UE. Fl-2001, is-sehem fis-suq tal-UE-27 fil-produzzjoni dinjija ta' vetturi bil-mutur kien għadu ta' 33,7 %. Fl-2004, dan naqas għal 28,4 % u kompla jonqos fl-2010 għal 26,3 %. Matul il-perjodu 2004-2010, il-produzzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri, f'termini assoluti, żdiedet b'6,7 % fl-UE-27, meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir ta' 32,2 % fid-dinja kollha.

L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li r-reġjun NUTS III ta' Jaen fejn tinsab l-impriża Grupo Santana, jinsab f'sitwazzjoni ferm diffiċli. Il-prodott reġjonali gross (PDG) *per capita* ta' Jaen huwa ta' 69,8 % tal-medja tal-UE. Ir-rata ta' impjieg f'Jaen ta' persuni ta' etajiet bejn is-16 u l-64 sena naqset minn 56,1 % fl-2007 għal 48,8 % fl-2011 meta l-għadd ta' persuni impjegati naqas minn 235 767 għal 209 047. Matul l-istess perjodu, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 13 % għal 27,9 % (minn 21,13 % għal 48,6 % għal dawk li għandhom inqas minn 25 sena) u l-għadd assolut ta' ħaddiema qiegħda żdied minn 35 567 għal 81 153.

Il-pakkett koordinat tas-servizzi personalizzati li għandhom jiġu kofinanzjati jinkludi miżuri għar-riintegrazzjoni ta' 285 ħaddiem fl-impjieg bħat-taħriġ vokazzjonali fuq il-lant tax-xogħol, il-konsulenza għal proġetti kummerċjali, l-għajnuna attiva għat-tiftix ta' impjieg u t-tqabbil tal-offerta mad-domanda għall-impjieg.

Skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-miżuri mibdija fl-1 ta' Awwissu 2011 flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati u jirrappreżentaw miżuri attivi għas-suq tax-xogħol bil-għan li jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.

Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiġi post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi,
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-FSE. Is-Servicio Andaluz de Empleo se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

<sup>1</sup> European Automobile Manufacturers' Association – ACEA  
([http://www.acea.be/news/news\\_detail/vehicle\\_production\\_on\\_recovery\\_path\\_in\\_2010/](http://www.acea.be/news/news_detail/vehicle_production_on_recovery_path_in_2010/))

<sup>2</sup> Organisation Internationale des Constructeurs d'Automobiles – OICA ([www.oica.net](http://www.oica.net))

### **III. Il-Proċedura**

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba ta' trasferiment għal ammont globali ta' EUR 1 964 407 mir-riżerva tal-FEG (40 02 43) għal-linja baġitarja tal-FEG (04 04 51).

Sal-lum, din hija t-tielet proposta ta' trasferiment għall-mobilizzazzjoni tal-Fond trażmessa lill-Awtorità Baġitarja matul l-2014. L-ammont propost tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jħalli aktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali allokat għall-FEG disponibbli għal allokkazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG jista' jieħu forma semplifikata, kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi ġuridika, sakemm ma jintlaħaq l-ebda qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jiġi assoċjat fil-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ kostruttiv u jagħti kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

## ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

EK/nt  
D(2014)14577

Is-Sur Alain Lamassoure  
President tal-Kumitat għall-Baġits  
ASP 13E158

### **Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fil-każ EGF/2012/004 ES/Santana minn Spanja (COM(2014)116 finali)**

Għażiż President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ **EGF/2012/004 ES/Santana minn Spanja** u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL ressaq xi rimarki mingħajr, madankollu, ma poġġa fid-dubju t-trasferiment ta' pagamenti.

Il-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 2(c) tar-regolament tal-FEG u għandha l-għan li tappoġġa l-285 ħaddiem mit-total ta' 1 019 ħaddiem li nġataw is-sensja fi ħdan, qabel u wara l-perjodu ta' referenza bejn il-15 ta' Novembru 2011 u l-15 ta' Marzu 2012 fl-intrapiża Grupo Santana u 15-il fornitur tagħha;
- B) Billi l-awtoritajiet Spanjoli jfittxu li jidderogaw mil-limitu ta' 500 sensja matul erba' xhur kif stabbilit fl-Artikolu 2(a); billi l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li s-sensji tneħħew gradwalment biex inaqqsu l-impatt fuq it-territorju u għalhekk il-limitu ta' 500 sensja ma setax jintlaħaq fil-perjodu ta' referenza;
- C) Billi l-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li s-sensji ġew ikkawżati minn bidliet strutturali maġġuri fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, li qed tkompli taffettwa s-settur Ewropew tal-karozzi;
- D) Billi minħabba l-globalizzazzjoni, l-industrija Ewropea tal-karozzi qed titlef sehemha fis-suq dinji tal-karozzi tal-passiġġieri primarjament minħabba żieda tal-produzzjoni fiċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel u fil-pajjiżi BRIC; billi s-sehem tas-suq tal-UE27 fil-produzzjoni dinjija ta' vetturi motorizzati naqas minn 33,7 % fl-2001 għal 26,3 % fl-2010. billi bejn l-2004 u l-2010, il-produzzjoni tal-UE żiedet biss b'6,7% meta mqabbla ma' rata ta' tkabbir ta' 32,2% mad-dinja kollha;
- E) Billi l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-għeluq tal-Grupo Santana kien ikkawżat mill-kombinament ta' tnaqqis fid-domanda tal-prodotti tagħha stess mal-bidla fl-istrateġija tal-kljenti ewlenin tagħha;

- F) Billi 82,10 % tal-ħaddiema mmirati mill-miżuri huma rġiel u 17,19 % huma nisa; billi 92.99% tal-ħaddiema għandhom bejn 24 u 54 sena;
- G) Billi d-data dwar l-istruttura okkupazzjonali tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja ma setgħetx tinkiseb minħabba l-fatt li l-intrapriżi kkonċernati m'għadhomx jeżistu;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu rigward l-applikazzjoni Spanjola:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-FEG (1927/2006) huma ssodisfati u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
2. Jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni li t-330 sensja fi ħdan il-perjodu ta' referenza u s-689 sensja addizzjonali huma relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi u li s-sensji flimkien mas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fraġli ħafna tar-reġjun jissodisfaw il-kundizzjoni ta' eċċezzjonalità tal-każ f'konformità mal-Artikolu 2(c);
3. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fis-16 ta' Mejju 2012 u jiddispjaċih li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biss fil-5 ta' Marzu 2014; jiddeplora l-perjodu twil tal-evalwazzjoni ta' 22 xahar u jemmen li dan id-dewmien jikkontradixxi l-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li jipprovdi għajjnuna malajr lil ħaddiema li ngħataw is-sensja;
4. Jinnota li għal darb'oħra din hija applikazzjoni tal-FEG li tindirizza s-sensji fis-settur tal-karozzi u li b'17-il applikazzjoni dan is-settur kien suġġett għall-aktar applikazzjonijiet numerużi tal-FEG imressqa kemm fir-rigward tal-kriżi kif ukoll tal-kriterji tal-globalizzazzjoni; jirrimarka li dan il-każ ieħor li jikkonċerna l-industrija tal-karozzi juri l-ħtieġa għal strateġija industrijali tal-Unjoni u juri kif il-FEG jgħin lill-ħaddiema fil-proċess ta' ristrutturar;
5. Jilqa' l-fatt li r-reġjun tal-Andalucia, fejn ir-rata tal-qgħad hija ħafna ogħla mill-medja nazzjonali u tal-Unjoni, għal darb'oħra qed tagħmel użu mill-FEG; jindika l-fatt li l-FEG diġà appoġġa ħaddiema ta' Delphi li tinsab fl-Andalucia (EGF/2008/002 ES/Delphi);
6. Jilqa' l-fatt li l-Awtoritajiet Spanjoli kellhom l-għan li jgħinu malajr lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li l-implimentazzjoni tal-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati bdiet fl-1 ta' Awwissu 2011 - sew qabel il-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni u qabel id-deċiżjoni tal-Awtorità Baġitarja li tagħti l-appoġġ tal-FEG;
7. Jilqa' l-fatt li t-taħriġ offrut huwa ta' tul ta' żmien konsiderevoli u li se jkun ikkumplimentat b'attivitajiet fuq ix-xogħol; jilqa' l-fatt li t-taħriġ se jkun imqabbel mal-ħtieġijiet tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-intrapriżi li qed jistabbilixxu fil-park ta' negozju, li jagħmel parti mill-miżuri pprovdu addizzjonalment mal-pakkett iffinanzjat tal-FEG;
8. F'dan il-kuntest, jilqa' l-fatt li l-belt ta' Linares, affettwata ferm sew mill-għeluq ta' Santana (u tal-fornituri tagħha) li kien l-impjegatur ewlieni tal-muniċipalità, ħadet approċċ globali u komprensiv rifless fl-istrateġija tar-riabilitazzjoni tal-park ta' negozju Grupo Santana biex jattira investituri ġodda; huwa tal-fehma li l-fatt li l-belt ta' Linares

iddeċidiet li ttejjeb l-ambjent għan-negozji se jsaħħaħ l-effett tal-miżuri tal-FEG immirati lejn il-ħaddiema;

9. Jinnota li żewġ terzi tal-appoġġ tal-FEG se jintefqu fuq allowances finanzjarji imsejħa "salarju tat-taħriġ" - il-ħaddiema kollha jingħad li se jirċievu allowance li hija stmata għal EUR 8 897 għal kull ħaddiem;
10. Jindika l-fatt li l-FEG se jipprovdi allowances ta' "salarju tat-taħriġ" li jammonta għal 150% tas-salarju minimu Spanjol; jilqa' madankollu l-konferma tal-Kummissjoni li dawk l-allowances ma jissostitwixxux il-benefiċċji tal-qgħad u se jkunu pprovdoti flimkien mal-benefiċċji tal-qgħad imħallsa taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali; jenfasizza f'dan il-kuntest il-fatt li r-Regolament il-ġdid tal-FEG għall-2014-2020 se jillimita l-inklużjoni tal-allowances finanzjarji fil-pakkett għal mhux aktar minn 35 % ta' kemm jiswew il-miżuri u li, bl-istess mod, ir-rata tal-allowances fi ħdan il-pakkett koordinat għal din id-domanda mhux se tiġi ripetuta taħt dan ir-regolament il-ġdid;
11. Jilqa' l-fatt li l-belt ta' Linares ikkonsultat il-pakkett mas-sħab soċjali u li s-sħab soċjali qed jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri;

Dejjem tiegħek,

Pervenche Berès

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	31.3.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Göran Färm, Věra Flasarová, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Andrej Plenković, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Paul Rübig